MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tas-16 ta' Frar, 2012

Numru. 1397/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR FRANKIE SAMMUT**
**VS**
**OSWALD LANZON**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Oswald Lanzon ta’ 42 sena, bin John u Maria Dolores nee’ Attard, mwieled Sliema har it- 18 ta’ Dicembru 1968, residenti Horant Flats, Flat 6, Triq il- Mandolina, Birzebbugia u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin- numru 31169M;

Talli f’ dawn il- Gzejjer, matul il- perjodu ta’ bejn it- 22 ta’ Lulju 2011 u x- xhur ta’ qabel din id- data, b’ diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-

istess disposizzjonijiet tal- Ligi u li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

1) f' diversi okkazjonijiet matul il- perjodu msemmi, b' qerq holoq jew gieghel jidher li donnu hemm fatt jew cirksotanza sabiex dan il- fatt jew cirkostanza jkunu jistghu l' quddiem jiswew bi prova kontra persuna ohra bil-hsieb li b' hekk din il- persuna tkun tista' tigi kontra s-sewwa akkuzata jew misjuba hatja ta' reat;

2) aktar talli f' dawn il- Gzejjer f' diversi okkazjonijiet matul l- istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, fl- ezercizzju tad- dmirijiet tieghu, ghamel falsifikazzjoni b' firem foloz, jew b' tibdil f' atti, fi skritturi, jew f' firem, jwe billi dahhal isem ta' persuna mhux veru, jew b' kitba maghmula jew mnizzla f' registri jew f' atti pubblici ohra, wara li jkunu gia ffurmati jew maghluqa;

3) u aktar talli f'dawn il- Gzejjer, f' diversi okkazjonijiet matul l- istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku illi, meta kiteb atti li jidhlu fid- dmirijiet tal- akriga tieghu, biddel bil- qerq is-sustanza jew ic- cirkostanzi taghhom, sew billi nizzel pattijiet diversi minn dawk li jkunu gew idettati jew maghmula mill- partijiet, kemm billi ddikjara bhala veri fatti folox, jew bhala fatti maghrufa dawk li ma kienux;

4) u aktar talli f' dawn il- Gzejjer, f' diversi okkazjonijiet matul l- istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku li minhabba l- kariga jew impieg tieghu, kien fi dmir li jaghmel jew jaghti dikjarazzjoni jew certifikat, ghamel jew ta dikjarazzjoni falza jew certifikat falz;

5) u aktar talli f' dawn il- Gzejjer, f' diversi okkazjonijiet matul l- istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, sabiex jikseb vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal haddiehor, f' xi dokument mahsub ghal xi awtorita' pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;

6) u aktar talli f' dawn il- Gzejjer, f' diversi okkazjonijiet matul l- istess perjodu ta' zmien u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjonij ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat;

7) u aktar talli f' dawn il- Gzejjer, f' diversi okkazjonijiet matul l- istess perjodu ta' zmien u

cirkostanzi, gab ruhu b’ mod li ta fastidju lil persuna ohra, u/jew b’ mod li jkun jaf jew kien imissu kien jaf li dan kien ta’ fastidju ghal dik il- persuna;
8) u aktar talli f’ dawn il- Gzejjer d’ viersi okkazojinijiet matul l- istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi bil- hsieb li jaghmel hsara lil xi persuna, akkuza lil dik il-persuna quddiem awtorita’ kompetenti b’ reat, filwaqt li kien jaf li dik il- persuna hija nnocenti;
9) u finalment qieghe jigi akkuzat talli f’d awn il-Gzejjer, f’ diversi okkazjonijiet matul l- istess perjodu ta’ zmien u cirkostanzi, bhala ufficjal pubbliku sar hati ta’ reat li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d- dmir li jimpedixxi;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni wara li wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu bl-aktar mod solenni dwar il-konsekwenzi tal-istess ammissjoni tieghu;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi ghas-sentenza;

**Ikkonsidrat:**

Wara li rat l-Artikoli 101 (1), 110 (1), 179, 180, 185, 188, 189, 251(a) (b) u 141 tal- Kapitolu 9 tal- Ligijiet ta’ Malta.

Fuq ammissjoni din il- Qorti qed issib lill- imputat hati u ghaldaqstant tqieghed lill-imputat taht Ordni ta’ Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal- Artikolu 7 tal- Kapitolu 446 tal- Ligijiet ta’ Malta.
Tordna hrug ta’ Ordni ta’ Protezzjoni, kif ukoll Ordni ta’ Trattament, ai termini tal- Artikoli 412C u 412D tal-Kap 9 tal- Ligijiet ta’ Malta ghal tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------